MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Numru. 506/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**ANDREW SAMMUT ta’ 46 sena, iben Peter u Giorgia nee’ Mfsud, imwieled in-Naxxar nhar it-22 ta’ Ottubru, 1965, residenti fil-fond Flat 5, 41A, Triq San Publio, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 504965M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Andrew Sammut** li gie akkuzat talli:

a. Nhar l-14 ta’ Lulju, 2000, ghall-habta tas-6.50pm, hdejn il-Pitch tal-waterpolo ta’ Sirens ASC, San Pawl il-

Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Martin Vella f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Martin Vella (Sec 214 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Martin Vella, liema ferita gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc skond kif iccertifika Dr Gregory Attard MD ta' l-Isptar San Lujqa (Sec 218(b) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Martin Vella permezz ta' arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez (Sec 217 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zamm u garr arma regulari, inkella strument li jaqta' jew iniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

e. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, waqt li kien qieghed jikkometti reat kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mingel);

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika permezz ta' hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

g. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Rat illi ma' l-interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ta' l-istess.

Rat ukoll l-Artikolu mibghuta mill-Avukat Generali u cioe': 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 13, 19, u l-Artikolu 26 Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 338(dd) u l-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat bi proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat il-provi kollha.

Ikkunsidrat:

Xehed PS 139 Ronald Azzopzrdi li wara li gew infurmati dwar glieda li nghalqet gewwa Sirens Pitch San Pawl il-Bahar, marru fuq il-post u sabu lil certu Martin Vella li kellu rasu mghottija b’xugaman bid-demm niezel ma’ gismu kollha. Minn naha taghha certa Edwina Sammut kienet isterika u bdiet tinsisti mal-pulzija li jmorru jarrestaw lir-ragel taghha. Qaltilhom li hareg mingel u beda jsawwat lil dan Martin. Ghalhekk sabu lil Martin, u pero, wara li saritlu tfittxija ghall-mingel, din ma tat ebda frott. Saritlu search anke fil-karozza.  Xehed ukoll illi sakemm sabu lil Andrew Sammut wara li kienu l-pitch kienu ghaddew xi nofs siegha, tliet kwarti. Ezebixxa wkoll PIRS report li jghid li l-pulizija kienu rcevew telefonata minn mara li talbet l-ghajnuna ghax certu Martin Vella kien qieghed jigi attakkat b’mingel minn certu Andrew Sammut, (Dok RA folio 29).

Minn naha tieghu P.C. Spiteri xehed l-istess haga. Mistoqsi jekk rax xi demm fil-vettura tal-vittmi, wiegeb li din ma kienx jaf fejn kienet.

Minn naha tieghu Dr.Gregory Attard xehed li kien ezamina lil Martin Vella fid-dipartiment ta’ l-Emergenza, u kien sablu lacerazzjoni fonda li minnha kien qieghed jitlef hafna demm. Spjega li l-qatgha kienet tant estensiva li f’partijiet minnhom kienet tikkomunika minn naha ghal ohra ta’ wara l-widna, kif ukoll kellu nvolut il-wara tal-widna, jigifieri anke ghonqu. Qal ukoll illi fil-widna kellu lacerazzjoni wahda, mentri kellu wkoll hafna lacerazzjonijiet fuq rasu, bejn sebgha u tmienja. Esebixxa ta’ dan certifikat immarkat bhala Dok GA.

Xehdet ukoll Dr. Marie Claire Farrugia dwar id-disa' feriti li kellu f'rasu Martin Vella. Ezebiet ghalhekk ir-rapport taghha dwar il-feriti misjuba, Dok MCA a folio 61.

Xehdet dwar il-feriti "Mr Vella kellu disa' feriti b'kollox, kellu wahda ta' tliet centimetri fuq in-naha tax-xellug ta' l-iscalp. Kellu ohra ta' zewg centimetri fuq quddiem ta' l-iscalp, kellu ohra ta' 4 centimetri fuq il-parti centrali ta' l-iscalp, kellu wahda ta' 3 centimetri fuq il-parti ta' wara ta l-iscalp. Ohra ta' 2 centimetri fuq il-parti ta' fuq, fuq in-naha tal-lemin ta' l-iscalp. Ohra ta' 2 centimetri fuq in-naha tax-xellug fuq l-eyebrow. Kellu xi grif fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. Kellu qasma ohra ta' 2 centimetri fuq in-naha ta' l-iscalp fuq il-widna tax-xellug. Umbaghad fuq il-widna stess kellu qasma ta' 4 centimetri fuq in-naha ta' wara, u ohra ta' 5 centimetri fuq in-naha ta' quddiem li kienu jinfdu." (folio 59). Xehdet ukoll li dawn il-feriti kienu kompatibbli ma' kwalunkwe haga li taqta'.

Minn naha taghha Dr Maria Meilaq xehdet illi kienet issutturat il-griehi li kellu Martin Vella, hadmet flimkien mat-tabiba precedenti. Qalet li kellu xi griehi fuq haddejh u eyebrows li setghu jhallu marki permanenti. Ikkonfermat il-kontenut tad-dokument hawn fuq imsemmi.

Xehed ghalhekk Martin Vella li spjega li hu kien habib tal-mara ta' Andrew Sammut. Qal li l-gimgha ta'qabel kienet talbitu omm Edwina Sammut biex imur hu jigbor it-tfal, mar il-pitch tal-waterpolo tas-Sirens fejn tahdem l-istess Edwina. Hemm wassal u pparkja l-karozza tieghu faccata tal-Menqa dahrha mal-pitch.  Xehed illi wassal l-imputat u pparkja l-karozza tieghu. Xehed li Edwina damet biex harget ghat-tfal u hu cemplilha, cioe' kellha tehodhom bil-karozza tieghu, tqieghdhom fil-karozza tax-xhud.  Xehed illi sema' lill-imputat jghid kliem oxxen lilha (Edwina), umbaghad irriversja lura bil-karozza tieghu quddiem tax-xhud, b'dan li dan ma setax johrog. Xehed illi staqsieh x'gara, u dan hareg ghalih bil-mingel. Qal li mar ghalih b'mingel u anke beda jaghtih bih bl-addocc, ixxejjirulu fuq rasu, tant li qal li beda johroglu hafna demm. Xehed ukoll

li spiccaw anke ma' l-art, hu tahtu u x-xhud fuqu. Qal li ra lil Edwina taghtih xi daqqiet. Qal ukoll li mbaghad Andrew qam bil-wieqfa, gabar il-mingel u telaq. Ammetta wkoll li qabel l-incident kien xorob tliet tazzi zghar ta' l-inbid imhalltin bis-Seven-Up. Qal li hu minghand Sammut ma ried xejn hlief li jhallih bi kwietu u li jiehu dak li kien haqqu.

Ikkonferma li hu kien jghix ma' Edwina Sammut, il-mara ta' l-imputat ghand ommha, kif ukoll li l-imputat kien jara lil uliedu xi tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha. Xehed li hu bl-idejn qatt ma kellu xi jghid ma' Andrew, hlief xi litigji hfief verbali. Ikkonferma ukoll li hu qabel gieli kien mar ghat-tfal. Ikkonferma wkoll li qabel l-incident hu kien sema' lil Andrew u lil Edwina joffendu lil xulxin. Qal li hu hawn baqa' fil-karozza u meta rah jirriversja, ghax sema' li tefa' botta anke ghalih, staqsieh x'kien gara. Qal li hu ma setax johrog bil-karozza meta rriversja ghal fuqu l-imputat, lanqas ma seta' jmur lura ghax warajh kellu l-pitch. Baqa' jinsisti li fil-litigju ta' bejn Andrew u Edwina, hu ma ndahalx. Baqa' nsistenti li hu minn bil-qieghda fil-karozza b'mod kwiet u kalm, staqsa lil Sammut x'kien gara u dan ta' hekk hareg ghalih bil-mingel. Qal li meta rah bil-mingel, hareg mill-karozza u beda jipprova jzommu milli jaghtih, beda jilqa' d-daqqiet b'idejh. Ikkonferma ukoll illi Edwina bdiet tippanikja u bdiet tipprova tferraqhom. Qal ukoll pero li fl-ahhar anke hi bdiet taghti lill-imputat.

Minn naha tieghu l-Ispettur David Galea xehed illi l-imputat ma kellu ebda licenzja biex igorr mingel, jew biex igorr xi arma ohra.

Stephen Gerada, mitlub bid-Difiza, qal illi nonostante li lilu l-imputat ma kien ghamilu xejn, ried jahfirlu bhala habib ta' Vella. Ikkonferma wkoll li hu kien mar hemmhekk u sab il-karozza ta' Vella bid-demm u anke demm hdejn il-karozza

Xehed ukoll l-imputat minn jeddu. Qal illi dak iz-zmien ta' l-incident hu u martu kienu ghaddejin minn separazzjoni, ibnu Peter kellu hames snin u Kelsey kellha sentejn. Ikkonferma li minn dak z-zmien 'l hawn hu u martu ssepparaw. Ikkonferma li ma' omm il-mara fejn kienet

tghix martu u uliedu, kien jghix ukoll Martin Vella li kien jghix man-nanna. Qal li ghalkemm fil-bidu r-relazzjonijiet ma’ dan kien all right, umbaghad meta beda jarah beda jaqtaghlu jdejh, joffendih u jaghmillu hafna mossi. Qal ukoll li kien mar jirritorna t-tfal is-Sirens fejn kienet tahdem martu u hemm sab lil Martin. Qal li hu gia’ kien qal lil martu li kemm jista’ jkun ma tressqux lejn dan Martin minhabba l-mossi li kien jaghmillu. Xehed li kif wasal is-Sirens, dana Martin beda jharislu bl-ikrah. Hu kien ipparkjat qed jistenna lil martu tohrog ghat-tfal. Qal li bil-hars tieghu Martin donnu ried jgidlu xi haga, pero xehed ukoll li Martin xorta baqa’ fil-karozza. Qal li kif waslet martu, qallha li jekk kien ser jibqa’ jmur hemm Martin, lit-tfal kien ser jibda johodhomlha d-dar. Qal li hawn martu bdiet tghajjat u toffendih. Hawn offendiha hu. Xehed li hu rriversja biex jitlaq. It-tfal kienu nizlu. Qal li kien hawn li Martin nizel u marlu mal-karozza. Qal li dak iz-zmien kellu Land Criuser, hawn beda jahtfu u hu mbuttah bil-bieba u qabdu go xulxin. Qal li hu u Martin bdew jaghtu u waqghu ma’ l-art, tant li Martin imbuttah u gie fuqu, waqt li martu bdiet ittieh go rasu. Qal li kellu daqqiet go wiccu li taghhom ha ritratti ezebiti bhala Dok AS. Qal li telaq ‘l hemm. Qal ukoll illi dak iz-zmien kellhom ir-raba’ li kienu qed ihawlu. Qal ukoll li llum bejnu u bejn Martin kien qisu qatt ma gara xejn.

Xehdet bhala xhud tad-Difiza Edwina Sammut. Qalet li hi u zewgha kienu ilhom separati ghal tnax-il sena. Qalet li fiz-zmien l-incident hi kienet tahdem gewwa s-Sirens u Andrew kellu johdilha lura t-tfal hemm. Qalet li kienet wara tmur hi tigborhom, jew ommha jew il-partner taghha Martin Vella. Iddeskriviet lil Martin bhala bniedem mhux tip aggressiv, pero li meta kien jixrob l-inbid kien jsir aggressiv. Spjegat wara mistoqsija jekk Andrew kienx qallha xi haga dwar li jkun hemm xi hadd in partikolari meta jmur ghat-tfal, li Andrew ma kellux tort ghaliex kienu ghadhom kemm jisseparaw u ma tantx seta’ jaccettaha. Qalet li dakinnhar kien gab it-tfal u bdew jargumentaw. Qallha anke xi haga fuq Martin. Skondtha x’hin ra hekk Martin nizel minn gol-karozza. Qalet li f’daqqa u hin inqaghlet konfuzjoni. Xehdet li Martin hawn kien irrabjat, almenu hekk deher ghaliha, fetah il-bieba bil-ghagla, ma

ghalaqhix. Xehdet li l-karozza ta' Andrew sparixxiet. Qalet li mbaghad rat lil Martin ma' l-art. Xehdet li rat lil Martin sejjer lejn Andrew li kien ghadu fil-karozza, hawn qabdet lit-tfal u rat li Andrew kien gia' startja biex jitlaq. Hawn rat lil Martin ma' l-art. Qalet li meta kienet qed targumenta ma' Andrew, dan kellu l-bieba tal-karozza miftuha u ma rat ebda arma ghalkemm setghet tara. Qalet li lil Martin ratlu d-demm. In kontro ezami ammettiet li kienet cemplet jew talbet li ticcempel il-pulizija ghax kien hemm glieda. Issa qalet li qatt ma rat glieda, anzi li ma kinitx tiftakar li kien hemm glieda. Mistoqsija fuq il-mingel, qalet li ma kintix taf dan x'kien.

Ghandu jinghad ukoll illi fil-kors ta' dawn il-proceduri giet ezebita mill-Avukat tal-parte civile ittra mibghuta mill-istess Avukat lill-Ispettur David Galea fejn kien qieghed jinforma ill-istess li Martin Vella kien qieghed fil-konfront ta' Andrew Sammut jirrinunzja ghal dak kollu li kien hekk rinunzjabbli, kif ukoll li ma kellu ebda pretensjonijiet ohra fil-konfront ta' l-istess Sammut.

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta ben car illi t-tul li hadet din il-kawza, harsa lejn l-ammont kbir ta' seduti fejn ma sar xejn, jirrifletti dan, wasslet biex l-antagonizmu bejn Vella u Sammut gie pacifikat, tant illi anke mart Sammut issa li saret is-separazzjoni insiet anke li bejnet dawn kien hemm glieda kif a tempo vergine xehed il-parte leza Martin Vella.

Illi certament kien hemm glieda bejn Sammut u Vella, u senza dubbju kien dan Vella li sofra griehi kif ben deskritti mit-tobba. Ma jirrizulta minn imkien li fil-fatt Sammut sofra xi tip ta' griehi gravi, anzi skond martu kwazi kwazi qatt ma nizel mill-vettura, pero skondtu jammetti li hu u Vella anke spiccaw fuq xulxin ma' l-art. Vella, anke jekk b'mod fjakk, b'ittra ezebita, irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli. Meta xehed fil-bidu kien car fuq dak li gralu u b'dak li gie bih attakkat - mingel. Il-PIRS report ukoll jghid dan. Zgur li l-ulizija li marru fuq il-post fuq tali telefonata ma vvintawx l-arma in wistjoni.

Rajna li l-griehi sofferti minn Vella f’din il-glieda kienu fil-maggoranza tali li kellhomm bzonn jigu sutturati, anke fuq partijiet mill-wicc. Mistoqsija t-tobba kienux ihallu marki permanenti, giet moghtija r-risposta ta’ jista’ jkun. Ma ngabet ebda prova ta’ tali permanenza.

Ghaldaqstant tenut ta’ dana kollu qieghda ssib lil Andrew Sammut hati tar-reati misjuba taht l-Artikoli 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 13, 19, u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante pero r-rinunzja tal-parte civile Martin Vella, il-Qorti mhix ser tapplika piena karcerarja kif solitament taghmel fil-kaz ta’ griehi gravi;
Tapplika l-piena ta’ sentejn(2) habs sospizi ghal erba’(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------